VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 118, 2 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 238 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Gran Dukat ta' Lussemburgu)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Gran Dukat ta' Lussemburgu), u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Gran Dukat ta' Lussemburgu), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". Titolu. L.S. 123.37

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat: Emendi jkollhom effett.

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali, kif speċifikati fil-Protokoll muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), saru mal-Gvern tal-Gran Dukat ta' Lussemburgu;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-emendi għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll;

(ċ) illi l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

(Artikolu 2)

PROTOKOLL
LI JEMENDA L-FTEHIM BEJN
MALTA
U
IL-GRAN DUKAT TA' LUSSEMBURGU
GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA U BIEX TIĠI EVITATA
EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME* U L-KAPITAL
IFFIRMAT FIL-LUSSEMBURGU FID-29 TA' APRIL 1994

Il-Gvern tal-Gran Dukat ta' Lussemburgu u l-Gvern ta' Malta;

BILLI JIXTIEQU li jagħmlu Protokoll li jemenda il-Ftehim bejn il-Gran Dukat ta' Lussemburgu u Malta għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital, iffirmat fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 1994 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"),

Ftehmu kif ġej:

ARTIKOLU 1

L-Artikolu 26 (TIBDIL TA' INFORMAZZJONI) tal-Ftehim għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun prevista bħala rilevanti għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi rigward taxxi ta' kull tip u għamla imposti f'isem l-Istati Kontraenti, jew is-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tagħhom, sakemm it-taxxa li taqa' taħthom ma tmurx kontra l-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artikoli 1 u 2.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ittrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, jew għat-tħaris ta' dak ta' hawn fuq. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

VERŻJONI ELETTRONIKA

3. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

ċ) li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li meta din tiġi żvelata tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab xi informazzjoni minn Stat Kontraenti skont dan l-Artikolu, l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi li jkollu għall-ġbir tal-informazzjoni biex jiġbor l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-Istat l-ieħor jista' ma jkollux bżonn dik l-informazzjoni għall-finijiet tiegħu ta' ġbir ta' taxxa. L-obbligu li jinsab fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 iżda dawk il-limitazzjonijiet m'għandhom f'ebda każ jiftiehmu bħala li jħallu lil xi Stat Kontraenti li jonqos milli jagħti xi informazzjoni biss għaliex ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 jiftiehmu bħala li jħallu lil Stat Kontraenti jirrifjuta milli jipprovdi informazzjoni biss għaliex dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, minn xi istituzzjoni finanzjarja oħra, minn xi *nominee* jew minn xi persuna li tkun qegħda taġixxi f'xi kapaċità ta' aġent jew fiduċjarju jew għaliex ikollha x'taqsam ma' xi interessi dwar proprjetá f'xi persuna.".

ARTIKOLU 2

1. Dan il-Protokoll għandu jkun suġġett għal ratifika skont il-proċeduri applikabbli fil-Lussemburgu u f'Malta. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin bil-miktub, permezz ta' kanali diplomatiċi, meta il-proċeduri applikabbli rispettivi jkunu twettqu.

2. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li tiġi l-aħħar tal-avviżi msemmija fil-paragrafu 1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandu jkollhom effett għar-rigward tas-snin ta' taxxa li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena ta' meta l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 2856

MAGĦMUL in duplikat fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2011, bl-ilsien Franċiż u dak Ingliż, iż-żewġ testi awtentiċi indaqs.

Tonio Fenech Għall-Gvern ta' Malta	Luc Frieden Għall-Gvern tal- Gran Dukat ta' Lussemburgu

VERŻJONI ELETTRONIKA

Brussell, it-30 ta' Novembru 2011

L-Eċċellenza Tiegħu
Is-Sur Tonio Fenech
Ministru tal-Finanzi ta' Malta

Eċċellenza,

Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Gran Dukat ta' Lussemburgu u Malta għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital, iffirmat fil-Lussemburgu fid-29 ta' April 1994, (hawn iżjed 'l quddiem msejjaħ "il-ftehim") u li nipproponi f'isem il-Gvern tal-Gran Dukat ta' Lussemburgu dak li hu mifhum kif ġej:

1. Hu mifhum li l-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub għandha tipprovdi meta mitluba mill-awtorità kompetenti tal-Istat li jitlob l-informazzjoni għall-għanijiet msemmija fl-Artiklu 26.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat applikant għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub meta tagħmel talba għall-informazzjoni taħt il-Ftehim biex turi r-rilevanza tal-informazzjoni li tista' tkun prevista għat-talba:

a) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata;

b) dikjarazzjoni tal-informazzjoni mitluba inklużi x-xorta tagħha u l-forma kif l-Istat applikanti jkun tixtieq li jirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istat mitlub;

ċ) l-għan li jkollu x'jaqsam mat-taxxa li dwaru tkun qegħda tintalab dik l-informazzjoni;

d) raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba tkun qegħda tinżamm għand l-Istat mitlub jew tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-Istat mitlub;

e) sakemm dawn ikunu magħrufin, l-isem u l-indirizz ta' kull persuna maħsuba li jkollha pussess tal-informazzjoni mitluba;

f) dikjarazzjoni li l-Istat applikanti jkun segwa kull mezz disponibbli fit-territorju tiegħu nnifisu biex jikseb l-informazzjoni, ħlief dik li tkun tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

Kemm il-darba dak li hu mifhum hawn fuq ikun approvat mill-Gvern ta' Malta, għandi l-unur ukoll li nipproponi li din in-Nota u n-Nota tiegħek fl-

VERŻJONI ELETTRONIKA

affermattiv bħala risposta għandhom jikkostitwixxu ftehim bejn il-Gvernijiet tagħna li għandu jkun parti integrali tal-Ftehim fid-data meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll.

Nitolbok, Eċċellenza Tiegħek, tilqa' l-espressjoni ta' l-akbar rispett imġedded tiegħi.

Luc Frieden

VERŻJONI ELETTRONIKA

Brussell, 30 ta' Novembru, 2011

L-Eċċellenza Tiegħu
Mr. Luc Frieden
Ministru tal-Finanzi ta'
Gran Dukat ta' Lussemburgu

Eċċellenza,

Għandi l-unur nirrikonoxxi li rċevejt in-Nota tal-Eċċelenza Tiegħek li ġġib id-data ta' llum li tgħid dan li ġej:

"Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Gran Dukat ta' Lussemburgu u Malta għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u l-kapital, iffirmat fil-Lussemburgu fid-29 ta' April 1994, (hawn iżjed 'l quddiem msejjaħ "il-ftehim") u li nipproponi f'isem il-Gvern tal-Gran Dukat ta' Lussemburgu dak li hu mifhum kif ġej:

1. Hu mifhum li l-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub għandha tipprovdi meta mitluba mill-awtorità kompetenti tal-Istat li jitlob l-informazzjoni għall-għanijiet msemmija fl-Artiklu 26.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat applikant għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub meta tagħmel talba għall-informazzjoni taħt il-Ftehim biex turi r-rilevanza tal-informazzjoni li tista' tkun prevista għat-talba:

a) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata;

b) dikjarazzjoni tal-informazzjoni mitluba inklużi x-xorta tagħha u l-forma kif l-Istat applikanti jkun tixtieq li jirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istat mitlub;

ċ) l-għan li jkollu x'jaqsam mat-taxxa li dwaru tkun qegħda tintalab dik l-informazzjoni;

d) raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba tkun qegħda tinżamm għand l-Istat mitlub jew tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-Istat mitlub;

e) sakemm dawn ikunu magħrufin, l-isem u l-indirizz ta' kull persuna maħsuba li jkollha pussess tal-informazzjoni mitluba;

VERŻJONI ELETTRONIKA

f) dikjarazzjoni li l-Istat applikanti jkun segwa kull mezz disponibbli fit-territorju tiegħu nnifisu biex jikseb l-informazzjoni, ħlief dik li tkun tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

Kemm il-darba dak li hu mifhum hawn fuq ikun approvat mill-Gvern ta' Malta, għandi l-unur ukoll li nipproponi li din in-Nota u n-Nota tiegħek fl-affermattiv bħala risposta għandhom jikkostitwixxu ftehim bejn il-Gvernijiet tagħna li għandu jkun parti integrali tal-Ftehim fid-data meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll.".

Għandi l-unur ukoll li nilqa' dak li hu mifhum fin-Nota tal-Eċċelenza Tiegħek, f'isem il-Gvern ta' Malta. Għaldaqstant in-Nota tal-Eċċelenza Tiegħek u din in-Nota għandhom jikkostitwixxu ftehim bejn il-Gvernijiet tagħna li għandu jsir parti integrali mal-Ftehim fid-data li jidħol fis-seħħ il-Protokoll.

Nitolbok, Eċċellenza Tiegħek, tilqa' l-espressjoni ta' l-akbar rispett imġedded tiegħi.

Tonio Fenech
Ministru tal-Finanzi,
l-Ekonomija u Investiment